MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 16/2012

**David ZAMMIT DIMECH ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta CODE DESIGN [P-1192]**

**Vs**

**Joseph SAMMUT f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta INTERACTIONS LIMITED [C-48944]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-attur nomine mressqa fit-13 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha huwa talab lill-konvenuti jhallasu s-somma ta' elf seba' mija erbgha u sebghin euro [€1,774] u dan wara li ppremetta hekk:

"Premess illi s-socjeta Code Design u l-konvenut dahlu fi ftehim li permezz tieghu s-socjeta attrici giet inkarigata

mill-konvenut sabiex tohloqlu sit elettroniku b'rabta man-negozju gestit minnu, kif ukoll xogholijiet ohra, versu korrispettiv (ara d-dokument anness u mmarkat 'Dok A');

Premess illi s-socjeta attrici wettqet l-obbligazzjonijiet assunti minnha skont il-ftehim, u illi l-prezz komplessiv dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici ghax-xoghol taghha kien dak ta' elfejn erba' mija sitta u tletin Ewro (€2,436), li minnhom il-konvenut hallas akkont l-ammont ta' elf erba' mija u tnax-il ewro (€1,412), u ghalhekk il-konvenut fadallu jhallas il-bilanc ta' elf u erbgha u ghoxrin ewro (€1,024) lis-socjeta attrici, liema bilanc jikkonsisti fis-somma ta' disa mija u ghoxrin ewro (€920) ghal xoghol konness mas-sit elettroniku, u fis-somma ta' mija u erba' ewro (€104) ghal xoghol iehor;

Premess illi l-ftehim suriferit jistipula bhala penali konvenzjonalment likwidati ammont konsistenti f'ghaxra fil-mija (10%) ta' l-ammont shih tal-korrispettiv dovut lis-socjeta attrici fuq xoghol maghmul b'rabta mas-sit elettroniku, ossia l-ammont ta' elf mitejn u hamsin ewro (€1,250), ghal kull xahar li matulu l-konvenut jonqos milli jhallas dak dovut minnu fi zmien tletin (30) jum minn meta tali xoghol jigi fatturat;

Premess illi l-bilanc pendenti b'rabta max-xoghol fuq is-sit elettroniku, dovut mill-konvenut, ilu dovut minn Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), u ghalhekk il-penali dovuta mill-konvenut lis-socjeta attrici jammonta ghal seba' mija u hamsin ewro (€750), liema penali madanakollu jizdiedu ghal kull xahar li l-konvenut jibqa ma jhallasx. Ghalhekk il-konvenut huwa obbligat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf seba mija erbgha u sebghin ewro (€1,774), rapprezentanti in kwantu ghal elf u erbgha u ghoxrin ewro ewro (€1,024) il-bilanc rimanenti tal-prezz tax-xoghol, u in kwantu ghal seba' mija u hamsin ewro (€750), il-penali dovuti skont il-ftehim;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi minn dan it-tribunal ikkundannat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf seba mija erbgha u sebghin ewro (€1,774), previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra opportuna.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju 2011 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b’riserva ghal kull dritt spettanti lis-socjeta attrici ghal penali ulterjuri dovuti minhabba l-inadempjenza tal-konvenut”.

Ra li fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2012 deher **Joseph Sammut kemm f’ismu proprju u kemm f’isem is-socjeta Interactions Limited** u ddikjara li qed jikkontesta l-kawza u l-ammont dovut stante li x-xoghol ghadu mhux komputat (recte: kompletat).

Ra li minkejja dan, il-konvenuti baqghu qatt ma pprezentaw risposta bil-miktub ghat-talba ta’ l-attur nomine.

Ra li fis-seduta tat-23 ta’ Mejju, 2012 deher biss l-attur u f’dik l-istess seduta Dott. Mark Simiana talab, in vista tal-verbal tat-30 ta’ Marzu, 2012, li l-kawza tmur ghas-sentenza. It-Tribunal laqa’ din it-talba u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Christopher Zammit Dimech**, xehed illi huwa ghamel xoghol ta’ *web design* ghal-konvenut in konnessjoni mar-*restaurant* tieghu bl-isem ta’ Black Pearl. Il-kontendenti kienu ffirmaw kuntratt bejniethom, liema kuntratt huwa mmarkat bhala dok. A u jinsab a fol. 3 et seq tal-process. Dan il-kuntratt gie ffirmat wara li hu u huh David Zammit Dimech kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta’ *art work* ghalih.

B’referenza ghal dak li stqarr il-konvenut meta deher fis-seduta precedenti, u cioe li x-xoghol ghadu mhux komplut, x-xhud qal li “*... jiena ma qbiltx mieghu peress illi l-website*

*ilha online ghal din l-ahhar sena. Ix-xoghol tal-artwork ukoll huwa komplut pero baqalna nircievu pagament minghand il-konvenut dwar dan il-kont ukoll*" (fol. 15).

Ix-xhud izid ighid li l-konvenut kien baghat *email* fejn assikurah li huwa kien ser ihallas l-*artwork* pero sal-lum dan l-ammont kien ghadu ma thallasx. L-email li ghaliha qieghed jaghmel referenza dan ix-xhud hija esebita a fol. 20 tal-process u ggib id-data tal-25 ta' Lulju, 2011. Din l-email taqra hekk:

"*I agree with you for the invoice of 104 Euros and will do bank transfer*".

Ghar-rigward tal-*website*, ix-xhud qal li din kienet lesta ghal habta ta' April bidu ta' Mejju, 2011. Fil-fatt, huwa esebixxa dokument immarkat bhala dok. CZD2 li hija statistika migbura mill-attur nomine li turi li n-nies bdew jidhlu fuq il-*website* f'April-Mejju, 2011. Zied ighid li kien ghad jonqos li jigu *uploaded* xi ritratti u *menus* fuq l-imsemmija *website*. Minkejja d-diversi interpellanzi li huma baghtu lill-konvenuti sabiex jaghtuhom dawn l-affarijiet, l-istess konvenuti baqghu ma ghamlux dan. F'Novembru, 2011 waqt li s-socjeta attrici kienet ghadha qed tistenna l-*menus* kien hemm certu Chris Abdilla li staqsa lill-konvenut jekk setax jara l-*menus* fuq il-*website* tieghu. Ir-risposta tas-socjeta konvenuta ghal din it-talba kienet sabiex din il-persuna tibghatlu l-*email* address tieghu u huwa jkun jista jibghatlu l-istess *menus* permezz ta' l-*email* (Ara dok. CZD3 a fol. 27).

Sadanitant il-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-*website* li kienet ghamlitilhom is-socjeta attrici ghal uzu taghhom. Ix-xhud ighid ukoll li kull meta huwa jew is-socjeta attrici talbet ghall-informazzjoni minghand il-konvenuti, huma dejjem kienu jghidulhom iva, pero mbaghad l-informazzjoni ma tintbaghatx. Zied ighid li "*L-informazzjoni li konna qeghdin nitolbuh ahna ma kinitx tirrikjedi li kieku nghatat lilna hafna xoghol biex han nimputjawha fil-website forsi siegha xoghol l-aktar u dan sabiex inkunu nistghu nqassmu r-ritratti u menus fuq il-website kif ikun indikalna hu*" (fol. 16).

Ghar-rigward ta' l-ammont dovut lis-socjeta attrici mill-konvenut, ix-xhud jikkonferma li l-ammont mitlub ta' €1,774 ghadu dovut mill-konvenuti.

2. Fl-istess seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 **xehed David Zammit Dimech** li qal illi hu l-aktar li kien involva ruhhu fil-kwistjoni kienet wara li tlestiet il-*website*. Qal li huwa kellem lill-konvenut madwar ghaxar darbiet u kien jitolbu sabiex jibghatlu l-materjal li l-istess konvenut ried li jigu *uploaded* fuq il-*website*. Qal ukoll li "*Il-konvenut qatt ma qalli li jiena ma rridtx nibghat materjal u dejjem hadtha li hu kien dispost li jibghatu dan l-istess materjal. Fil-fatt lili kien weghdni diversi drabi li ser jibghatu*" (fol. 18). Finalment, dan ix-xhud jikkonferma li l-ammont mitlub ta' €1,774 ghadu dovut mill-konvenuti.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elf seba' mija erbgha u sebghin euro (€1,774) minghand il-konvenuti u dan in kwantu ghal €1,024 dovut bhala bilanc mill-prezz tax-xoghol prestat minnha lill-konvenuti u l-ammont ta' €750 bhala penali skont il-ftehim ffirmat mill-kontendenti.

4. Il-konvenuti, kif jirrizulta minn dak dikjarat minn **Joseph Sammut kemm f'ismu proprju u kemm f'isem is-socjeta Interactions Limited,** fit-30 ta' Marzu, 2012 qed jghidu li l-ammont mhux dovut stante li x-xoghol ghadu mhux komputat (recte: kompletat).

5. It-Tribunal qed jifhem li l-konvenuti qeghdin jaghmlu referenza ghad-difiza maghrufa bhala l-*exceptio inadempلenti contractus.* **Giovanni Pacchioni** fil-ktieb tieghu **Diritto Civile Italiano**[1] jispjega li "*per exceptio inadempلenti contractus si intende, come dice il termine stesso, un' eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per*

[1] parte seconda Diritto Delle Obligazioni Vol. II Dei Contratti in Generale, capitolo III pagina 39 paragrafo 1

*l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo oppore, se la contraparte che agisce contro di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronta ad adempiere*".

6. Il-Kodici Civili taghna jaghmel accenn ghal din l-eccezzjoni fir-rigward tal-bejgh, fejn fl-artikolu 1391 tal-Kapitolu 16 jinghad li:

"Il-bejjiegh mhux obbligat jikkunsinna l-haga jekk ix-xerrej ma jhallasx il-prezz taghha, hlief meta l-bejjiegh ikun ta' lix-xerrej zmien ghall-hlas"

7. Madanakollu huwa accettat fid-dottrina illi din l-eccezzjoni tista tapplika anke fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali iehor. "*Ma a nostro parere, e secondo l'opinione prevalente sia in dottrina che in gurisprudenza, l'exceptio inademplenti contractus puo venir opposta in ogni altro caso di contratto sinallagmatico. Ne' varrebbe obiettare, in senso contrario, che il codice civile nostro non menziona in alcun suo articolo l'exceptio non adimplenti contractus, mentre ha, d'altra parte, sufficientemente provveduto a tutelare le parti contraenti coll'art. 1165 cod.civ.,* (simili ghall-artikolu 1068 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet taghna) *relativo alla cosi detta condizione risolutiva tacita. Al silenzio del codice non puo' attribuirsi il significato di esclusione della exceptio non ademplenti contractus perche, con molti altri esempi, puo facilmente dimostrarsi che non tutto il diritto civile vigente e' contenuto e regolato espressamente nel codice civile. Il codice non contiene che lo scheletro del nostro sistema giuridico privato, mentre i tessuti sono, in gran parte, contel complesso delle teorie e dei principii tramandati che si vengono diuturnamente plasmando e riplasmando intorno al codice.*[2]"

8. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha datata 25 ta' Settembru, 2003 fl-ismijiet **Alexander Bonello noe vs Phoenix Company Limited**[3], spjegat dwar din l-eccezzjoni li:

---

[2] Ibid para 1 pagna 40;

[3] Per Onor. Imhallef J.R. Micallef;

"F'materja ta' kuntratti min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha, jkun responsabbli ghad-danni u l-kreditur jista jigi awtorizzat iwettaq hu stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur. Madanakollu meta tinghata l-eccezzjoni 'inadempleti non est adimplendum' jista jkun hemm rabta bejn iz-zewg obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku[4]. Jehtieg li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' certa gravita. Meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' hatra ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa obbligat li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas jew jaccetta t-tnaqqis f'dak li jisthoqlu li jithallas. F'kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista jaghzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jithallas ghad-danni li jkun garrab minhabba n-nuqqas ta' twettiq".

9. Gie ribadit ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Engineering Services Limited vs Reuter Malta Limited**[5] deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 2003 illi:

"Ir-rekwiziti tal-eccezzjoni 'inadempleti non est adimplendum huma tlieta:

i. L-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tieghu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim;

ii. L-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u

iii. Irid ikun hemm proporzjonalita bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe li n-nuqqas tal-attur relattivament ghall-

---

[4] Ara sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 26 ta' April, 2002 per Onor. Imhallef G. Valenzia fl-ismijiet **St. Andrew's Farm & Building Co. Limited vs Henry Sultana**;

[5] Per Onor. Imhallef Ph. Sciberras;

prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita[6]."

10. Huwa stabbilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' hatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa obbligat li jaghmel in-nuqqas jew jaccetta tnaqqis f'dak li jisthoqqlu jithallas[7].

11. Gie ukoll stabbilit li, f'kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, l-kreditur tal-obbligazzjoni jista jaghzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob il-hlas ghad-danni li jkun garrab minhabba n-nuqqas ta' twettiq[8].

12. Issa f'dan il-kaz irrizulta li x-xoghol ta' *artwork* kien tlesta u fil-fatt il-konvenut kien obbliga ruhhu li huwa kien ser ihallas ghal dan ix-xoghol. Dan huwa kkonfermat mill-*email* li huwa kien baghat lis-socjeta attrici fil-25 ta' Lulju, 2011. Din l-email taqra hekk: "*I agree with you for the invoice of 104 Euros and will do bank transfer*" (fol. 20).

13. Ghar-rigward tal-*website* u l-*uploading* tar-ritratti u tal-*menus* jinghad li s-socjeta attrici ppruvat ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, illi hija kienet qeghda tigri wara l-konvenuti sabiex huma jibghatulha dawn l-oggetti mankanti sabiex il-*website* tkun kompluta. Minkejja d-diversi interpelazzjonijiet, dawn l-oggetti baghu ma ntbaghtux. Irrizulta ukoll li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu uzu shih minn din il-*website* li kienet maghmula mis-socjeta attrici. Illi ghalhekk jirrizulta li l-inadempjenza – u cioe li din il-*website* tkun kompluta – ma hijiex imputabbli lis-socjeta attrici izda lill-konvenuti u lil hadd

---

[6] Ara sentenza tal- Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) deciza fit-12 ta' Marzu, 1965 fl-ismijiet **Emanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et** fejn inghad li din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess esegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni;

[7] **Anglu Busuttil vs Pio Fedele et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April, 1968 per Onor. Imhallef M. Caruana Curran;

[8] **Carmelo Galea vs Emmanuele Calleja** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Dicembru, 1952 per Onor. Imhallef Dr. A. Magri;

izjed. Ghalhekk, hija dovuta lis-socjeta attrici s-somma reklamata ta’ €920.

14. Ghar-rigward tal-penali mitlub ta’ €750, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-paragrafu fil-kuntratt iffirmat mill-partijiet (dok. A) u senjatament dak li jghid “*... Failing to settle invoices in time will additionally incur a penalty of 10% increase on the original price, which becomes effective 30 days after the invoice has been issued. This penalty will be applicable for every month since the due date and the 10% applicable on the original total value for the works*” (fol. 4). Irrizulta mill-provi li l-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammonti dovuti minnhom minkejja li kienu ghaddew it-tletin jum stipulat ghal hlas u konsegwentement, huma ghandhom ikun responsabbli ghall-istess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti fejn dawn huma b’xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, jilqa t-talba attrici fl-ammont ta’ elf seba’ mija erbgha u sebghin euro [€1,774] u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u sebghin euro [€1,774] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------